**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM it-Tlieta, 5 ta' Lulju, 2016**

**Kawża Nru. 24**

**Ċitazz. Nru. 684/05JRM**

Kevin **BRINCAT** u martu Najat Ejjebli

vs

**UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI** u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates*

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Lulju, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li l-Qorti (a) issib li d-deċiżjonijiet meħudin mill-imħarrkin jew min minnhom li bis-saħħa tagħhom tneħħa l-jedd tal-liberta' ta' moviment f'Malta tal-attriċi Najat Ejjebli, liema jedd hija kienet kisbet maż-żwieġ tagħha mal-attur fl-20 ta' April, 1998, u r-rifjut min-naħa tal-istess imħarrkin li jerġgħu jagħtuha l-istat ta' liberta' ta' moviment ma jiswewx u huma bla ebda effett, minħabba li (i) l-imħarrkin naqsu li jħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali

fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; u (ii) billi tali għemil huwa kontra l-liġi u jmur kontra l-*policies* imħaddma mill-istess imħarrkin u jikkostitwixxi abbuż ta' setgħa għaliex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Awwissu, 2005[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-19 ta' Awwissu, 2005, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, id-Direttur imħarrek qal li huwa ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi ladarba huwa ma jindaħal xejn fl-għoti jew it-tneħħija tal-liberta' ta' moviment u jmissu jinħeles milli jibqa' aktar fil-kawża. Żied jgħid li hija l-Kostituzzjoni li tiddetermina min u sakemm jista' jgawdi dan il-jedd. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma qegħdin jattwaw il-*policies* amministrattivi u l-liġijiet fis-seħħ li jridu li l-jedd tal-liberta' ta' moviment jintilef hekk kif persuna tinfired minn żewġha jew martu kemm *de facto* u kif ukoll *de jure*, għaliex ma jibqgħux persuni eżenti mil-liġi. L-imħarrek Uffiċjal Prinċipali qal li, minn stħarriġ li għamel, sab li l-atturi kienu nfirdu u kienu qegħdin jgħixu għal rashom. Temmew jgħidu li huma mxew ma' dak li titlob il-liġi u ċaħdu li d-deċiżjonijiet meħuda kienu jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta msemmijin mill-atturi;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fis-26 ta' Settembru, 2005[2], bl-ismijiet tax-xhieda li kien fi ħsiebhom iressqu;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fit-12 ta' Ottubru, 2005[3], bix-xhieda bl-affidavit tagħhom mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2005[4], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u l-provi dokumentali mressqin mill-istess xhieda;

[1] Paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[2] Paġġ. 32 – 3 tal-proċess
[3] Paġġ. 34 – 7 tal-proċess
[4] Paġġ. 39 – 40 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Novembru, 2007[5], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tas-16 ta' Ottubru, 2007, ordnat lill-imħarrkin biex jesebixxu dokumenti mill-'*file*' relattiv għall-attriċi marbutin ma' dak li jissemma fir-raba' premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2008[6], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Listi tal-Kawżi għas-Smigħ;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Frar, 2009[7], li bih tat żmien lill-atturi biex iressqu nota bis-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-10 ta' Marzu, 2009[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-20 ta' April, 2009[9], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jilmintaw minħabba l-fatt li l-jedd tal-attriċi tal-liberta' ta' moviment li ngħatat wara li kienu żżewġu lil xulxin tneħħa u ma reġax ingħatalha lura minkejja li huma talbu li d-deċiżjoni titreġġa' lura. Huma jgħidu li min ħa d-deċiżjoni li jħassar il-liberta' ta' moviment tal-attriċi għamel dan bi ksur tal-liġi u tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u sar b'abbuż tas-setgħa billi ttieħed fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti. Huma jridu li l-Qorti tħassar id-deċiżjonijiet attakkati, li qegħdin jesponu lill-attriċi għat-tkeċċija tagħha minn Malta u l-firda minn mal-attur żewġha billi hu ma jridx imur jgħix f'pajjiżha;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, id-Direttur imħarrek qal li huwa ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi ladarba huwa ma jindaħal xejn fl-għoti jew it-tneħħija tal-liberta' ta' moviment u jmissu jinħeles milli jibqa' aktar fil-kawża. Żied jgħid li hija l-

[5] Paġ. 107 tal-proċess
[6] Paġ. 142 tal-proċess
[7] Paġ. 144 tal-proċess
[8] Paġġ. 145 sa 150 tal-proċess
[9] Paġġ. 152 – 8 tal-proċess

Kostituzzjoni li tiddetermina min u sakemm jista' jgawdi dan il-jedd tal-liberta' tal-moviment. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma qegħdin jattwaw il-*policies* amministrattivi u l-liġijiet fis-seħħ li jridu li l-jedd tal-liberta' ta' moviment jintilef hekk kif persuna tinfired minn żewġha jew martu kemm *de facto* u kif ukoll *de jure*, għaliex ma jibqgħux persuni eżenti mil-liġi. L-imħarrek Uffiċjal Prinċipali qal li, minn stħarriġ li għamel, sab li l-atturi kienu nfirdu u kienu qegħdin jgħixu għal rashom. Temmew jgħidu li huma mxew ma' dak li titlob il-liġi u ċaħdu li d-deċiżjonijiet meħuda kienu jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta msemmijin mill-atturi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi hija persuna ta' nazzjonalita' Marokkina u ġiet f'Malta fl-20 ta' Ottubru tal-1997[10]. Wara xi żmien bdiet toħroġ mal-attur u huma żżewġu fir-Reġistru taż-Żwiġijiet eżatt sitt (6) xhur wara, fl-20 ta' April tal-1998[11] u marru joqogħdu f'post fi Triq it-Turġien, Valletta u aktar 'il quddiem f'post fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, f'Birkirkara[12];

Illi fl-4 ta' Mejju, 1998, l-attriċi ngħatat id-dritt tal-liberta' tal-moviment f'Malta. Minn dakinhar, l-attriċi siefret għadd ta' drabi minn u lura lejn Malta. Ftit jiem wara, fit-18 ta' Mejju, 1998[13], hija talbet ukoll li tingħata ċ-ċittadinanza Maltija, imma t-talba tagħha ma ntlaqgħetx f'Awwissu tal-2002[14];

Illi ftit wara li żżewġu, f'Settembru tal-1998, l-attur kien ġie arrestat u qatta' xi żmien il-ħabs f'diversi perjodi li ma kinux qabżu sena b'kollox. Dan baqa' jiġri sa Novembru tal-2004[15]. Matul dak iż-żmien, l-attriċi tgħid li kienet tipprova żżuru kemm jista' jkun, minkejja li ma kellhiex permess[16] u seħħilha biss tidħol tarah darba waħda[17]. Permessi kienu ngħataw mill-Qorti lil ommu u lil oħtu[18] u lil wieħed Anthony Bonavia[19]. Skond l-awtoritajiet, meta l-attur iddaħħal fil-Faċilita' Korrettiva, kien reġistrat bħala għażeb[20];

Illi l-atturi jgħidu wkoll li ippruvaw jibnu familja, imma ma seħħilhomx minħabba kwestjonijiet ta' fertilita';

---

[10] Dok "NE1". F'paġ. 11 tal-proċess
[11] Dok "NE2", f'paġ. 20 tal-proċess
[12] Affidavit tal-attur Dok "NE3", f'paġ. 21 tal-proċess
[13] Dok "KTP1" f'paġġ. 101 – 2 tal-proċess
[14] Dok "KTP2", f'paġ. 103 tal-proċess
[15] Dok "RZ", f'paġ. 66 tal-proċess
[16] Affidavit tal-attur f'paġ. 35 tal-proċess
[17] Affidavit tal-attriċi f'paġ, 36 tal-proċess
[18] Dokti "RZ2" u "RZ3", f'paġġ. 68 – 9 tal-proċess
[19] Dok "RZ4", f'paġ. 70 tal-proċess
[20] Xhieda ta' PS1211 Richard Żammit f'paġ. 73 tal-proċess

Illi meta l-attriċi marret l-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni biex iddawwar il-permess ta' "*exempt person*" minn fuq il-passaport tagħha għal fuq passaport ġdid fis-26 ta' April, 2005, l-imħarrek Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għarrafha li kien neħħielha l-jedd tal-liberta' tal-moviment[21]. Dakinhar kienet marret l-uffiċċju mal-attur[22]. Hija talbet u ngħatat visa biex tibqa' f'Malta għal tliet (3) xhur sal-10 ta' Ġunju, 2005[23], imma meta reġgħet talbet li l-visa tiġġeddilha, it-talba tagħha ma ntlaqgħetx;

Illi fis-26 ta' Lulju, 2005, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ iduru l-aktar mal-ilment tal-atturi li d-deċiżjoni meħuda biex jitneħħa l-jedd tal-liberta' tal-moviment mill-attriċi kienet waħda li ma saritx għal raġunijiet tajba min-naħa tal-awtorita' amministrattiva u bi ksur tal-imġiba xierqa mistennija minnha skond il-liġi. L-atturi jsejsu l-azzjoni tagħhom billi jixlu lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, b'nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u kif ukoll b'abbuż tas-setgħat mogħtijin lilhom mil-liġi. Dan jagħmluh kemm fir-rigward tad-deċiżjoni li jitneħħa d-dritt tal-attriċi għal-liberta' tal-moviment f'Malta u kif ukoll bir-rifjut tagħhom li jibdlu l-fehma tagħhom minkejja l-appelli li sarulhom mill-atturi biex jerġgħu jaraw sewwa l-fatti u ċ-ċirkostanzi u jaħsbuha mill-ġdid;

Illi mill-provi u s-sottomissjonijiet imressqin quddiem il-Qorti ħareġ li d-deċiżjoni biex jitneħħa l-'*exempt status*' tal-attriċi kienet ittieħdet minħabba dubji li l-atturi ma kinux qegħdin jgħixu flimkien bħala miżżewġin. Għalkemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jsemmu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar iċ-ċittadinanza (b'riżultat taż-żwieġ tal-attriċi mal-attur li huwa ċittadin Malti), dawn il-konsiderazzjonijiet jaqgħu 'l barra minn din il-kawża. F'dan il-każ, l-attriċi ma kienet qatt ingħatat iċ-ċittadinanza Maltija u fit-tieni lok, l-azzjoni tagħha hija espressament marbuta mat-tneħħija tal-istatus tagħha ta' '*exempt person*' taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni[24] u t-tħassir tal-jedd tagħha għal-liberta' tal-moviment f'Malta;

Illi l-atturi jikkontestaw bis-sħiħ li huma kienu qatgħu mill-ħajja miżżewġa flimkien, u jgħidu li ċ-ċirkostanzi wassluhom biex, għaż-żmien li l-attur kien qiegħed iservi s-sentenzi fil-faċilita' korrettiva, ma setax ikun hemm ħajja komuni bħala miżżewġin. Jisħqu li ġabu prova li huma kienu

[21] Xhieda ta' WPC197 Moira Cortis, f'paġ. 131 tal-proċess
[22] *Ibid.* f'paġ. 136 tl-proċess
[23] Dok "KV1", f'paġ. 22 tal-proċess
[24] Att IX tal-1970 (Kap 217)

tabilħaqq iżżewġu f'Malta u li ma nġabet l-ebda prova li huma kienu nfirdu jew li nedew xi proċeduri fil-Qrati għall-firda personali minn ma' xulxin. Jilmentaw ukoll li d-deċiżjonijiet li ttieħdu fir-rigward tal-attriċi ttieħdu minn wara daharhom u bla ma ngħatalhom il-jedd li jagħtu l-fehma tagħhom u li mhux talli ngħataw il-benefiċċju li l-attriċi tikseb iċ-ċittadinanza Maltija ladarba żżewġet lill-attur li huwa Malti, talli, bi ksur ta' dak li tgħid il-Kostituzzjoni, tneħħielha l-jedd tal-liberta' tal-moviment f'Malta meta huma kienu għadhom jgħixu flimkien;

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li kellhom raġunijiet tajbin biżżejjed biex jaslu għall-fehma li wara li żżewġu l-atturi kienu qatgħu r-rabtiet tagħhom ma' xulxin. Huma jgħidu li, tul iż-żmien kollu li l-attur kien miżmum il-ħabs, martu l-attriċi qatt ma marret iżżuru u lanqas jidher li talbet permess biex tkun tista' tagħmel dan. Jgħidu li kienet hija stess li għarrfet lill-awtoritajiet li ma kenitx qiegħda tmur iżżur lil żewġha fil-faċilita' korrettiva u li f'dak iż-żmien ma kinux qegħdin jitkellmu. L-imħarrkin jistrieħu wkoll fuq żjara għall-għarrieda li huma għamlu fid-dar fejn l-atturi kienu qalu li kienet id-dar taż-żwieġ, u lill-attur ma sabuhx hemm;

Illi l-Qorti tagħraf li l-liġi torbot l-għoti ta' status ta' '*persuna eżenti*', fost l-oħrajn, maċ-ċirkostanza fejn persuna tkun il-konjuġi ta' ċittadin Malti jew ta' persuna meqjusa bħala ċittadina Maltija għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tkun għadha miżżewġa u tgħix ma' persuna bħal dik[25]. Mill-provi li tressqu quddiemha, il-Qorti tara li tassew li l-atturi żżewġu lil xulxin f'Malta u dak iż-żwieġ kien magħruf u reġistrat kif imiss. Ma nġabet l-ebda prova li l-partijiet kienu nedew xi proċeduri fil-Qrati Maltin għall-firda personali jew biex iħassru jew ixolju ż-żwieġ tagħhom. Tibqa' għalhekk il-kwestjoni ta' jekk l-atturi baqgħux jgħixu flimkien jew jekk kinux mifrudin '*de facto*' u dwar jekk l-awtoritajiet imxew b'mod xieraq u raġonevoli meta waslu għall-fehma li l-atturi ma kinux tabilħaqq għadhom jgħixu flimkien bħala miżżewġin;

Illi l-prova ta' dan kienet taqa' fuq l-imħarrkin. Kif ingħad, jidher li l-imħarrek Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni mexa fuq stqarrija magħmula mill-attriċi nnifisha f'Novembru tal-2011 (li jirriżulta li kien żmien li matulu l-attur kien qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs) li fiha qalet li żewġha kien il-ħabs u li, minn tiftix li sar, ħareġ li hija ma kinitx żaritu kemm dam miżmum hemm. Il-Qorti tinnota li, wara insistenza mill-atturi u mhux bi ftit reżistenza mill-parti l-oħra, l-imħarrek ressaq parti minn '*file*' (fil-biċċa l-kbira tiegħu mgħotti u ma jinqarax) li minnu jidher li

[25] Art. 4(1)(ġ) tal-Kap 217

d-deċiżjoni li jitneħħa l-jedd tal-liberta' tal-moviment tal-attriċi ttieħdet f'Awwissu tal-2002 (fl-istess żmien li ma ntlaqgħetilhiex it-talba tagħha għall-għoti taċ-ċittadinanza) wara laqgħa li kienet saret fil-25 ta' Lulju, 2002[26]. Din id-deċiżjoni nbniet fuq 'minuta' (miktuba mill-Ispettur Neville Xuereb) li kienet tgħid li, minkejja li l-attur kien serva s-sentenza, ma kienx qiegħed jgħix mal-attriċi[27];

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax kif id-deċiżjoni li ttieħdet f'Awwissu tal-2002, ma kinitx mgħarrfa lill-attriċi sa April ta' tliet snin wara. Jidher li d-deċiżjoni li l-attriċi jitneħħielha l-jedd tal-liberta' tal-moviment tgħarrfitilha biss meta marret l-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni biex tittrasferixxi r-rimarka dwar dan il-jedd mill-passaport il-qadim tagħha għall-passaport il-ġdid (marokkin) li sadattant kienet kisbet[28]. Skond ix-xhieda tal-attriċi, kienet marret ma' żewġha l-attur. Kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi, ma ntweriex għaliex dik id-deċiżjoni meħuda mill-awtorita' kompetenti daqstant żmien qabel ma kenitx imwettqa u kellha tkun iċ-ċirkostanza ko-inċidentali meta l-attriċi minn jeddha marret fl-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni meta dan kollu ingħadilha;

Illi l-azzjoni attriċi tgħid li d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi hija *ultra vires* għal żewġ raġunijiet ewlenin: l-ewwel waħda hi minħabba li l-imsemmija awtoritajiet naqsu li jħarsu l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, kemm fit-twettiq tagħha u kif ukoll fid-deliberazzjonijiet li saru qabel ma ttieħdet[29]; it-tieni waħda hi li l-imsemmija deċiżjoni ttieħdet bi ksur tal-liġi u l-politika attwata mill-awtoritajiet u tikkostitwixxi abbuż ta' setgħa għaliex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti[30];

Illi, minkejja l-firxa wiesgħa tal-imsemmija lmenti tal-atturi, il-qofol tal-kwestjoni kollha jintrabat ma' kemm l-awtoritajiet imxew b'mod raġonevoli fil-każ. Għal dak li jirrigwarda ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni meħuda biex lill-attriċi jitneħħielha l-jedd tal-liberta' tal-moviment, jidher li r-raġuni waħdanija miġjuba 'l quddiem mill-imħarrkin kienet li l-atturi ma kinux baqgħu jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed. Dan joħroġ mill-imsemmija minuta fil-'*file*' relattiv, fejn il-minuta li ssemmi meta ttieħħdet id-deċiżjoni li l-attriċi kellha tintalab tħalli Malta bla dewmien tiġi minnufih wara l-minuta li tgħid li, minkejja li l-attur kien inħeles mill-ħabs, hu ma marx joqgħod mal-attriċi (liema minuta jidher li saret f'Lulju tal-2002);

[26] Xhieda tal-Ispettur Neville Xuereb f'paġ. 123 tal-proċess
[27] Ara Dok "SZ", f'paġ. 112 tal-proċess
[28] Xhieda ta' WPC 197 Moira Cortis f'paġ. 131 tal-proċess
[29] Art. 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12
[30] Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12

Illi hawnhekk il-każ jidħol fil-kwestjoni tar-raġonevolezza u tar-rilevanza ta' deċiżjoni amministrattiva li, fil-fehma tal-Qorti, f'din iċ-ċirkostanza, jimxu id f'id. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorita' amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[31];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali (f'dan il-każ, l-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni) ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[32]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita' u ħaqq[33] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni[34]. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita' li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[35]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita' mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-

[31] DeSmith, Woolfe & Jowell Principles of Judicial Review (5th Edit, 1995), paġ. 296
[32] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[33] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[34] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***
[35] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)

ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta’ nuqqas ta’ eżerċizzju ta’ diskrezzjoni u ta’ eċċess jew abbuż ta’ dak l-eżerċizzju;

Illi marbut sfiq ma’ dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Dan l-aspett qiegħed jissemma għaliex l-atturi jixlu lill-imħarrkin li mxew fuq għajdut bla ma raw tassew x’kienu ċ-ċirkostanzi tal-ħajja tagħhom;

Illi d-dmir li awtorita’ taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[36]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta’ ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta’ ġudizzju żbaljat[37]. F’każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f’dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita’ fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorita’ pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f’bosta deċiżjonijiet tal-qrati[38];

Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita’ wettqitx b’mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta’ xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita’ mxiet ma’ dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma’ dak li setgħet tagħmel[39]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[40]. B’żieda ma’ dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta’ intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista’ jasal biex juriha b’xi prova ta’ mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm “*rite*” u kif ukoll “*recte*”, jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b’ħaqq[41]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b’mod raġonevoli;

Illi bi tħaddim ta’ dawn il-prinċipji għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li l-għan tal-awtoritajiet li jaraw li persuni ma jabbużawx mill-fakulta’ tal-liberta’ tal-moviment huwa wieħed kemm xieraq u kif ukoll imħares bil-liġi. Ladarba l-attriċi ngħatat tali liberta’ minħabba ż-żwieġ tagħha

---

[36] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[37] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682
[38] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[39] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10tth. Edit), pġ. 295
[40] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[41] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita’ għas-Servizzi Finanzjarji***

mal-attur, ifisser li l-istess awtoritajiet għandhom kull interess u dmir li jaraw li ż-żwieġ li jagħti lok għat-tgawdija ta' dak il-jedd ikun wieħed veru u mhux maħluq għall-okkażjoni jew saħansitra wieħed ta' konvenjenza. Biex iwettqu dan l-aċċertament u biex jaraw li l-persuni ma jabbużawx, il-liġi tagħti lill-awtoritajiet is-setgħa li jagħmlu l-istħarriġ u l-aċċertamenti kollha xierqa;

Illi madankollu, fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti hija tal-fehma li l-awtoritajiet naqsu milli juru li mxew sewwa mal-atturi u l-imġiba tagħhom ma tilħaqx il-grad ta' raġonevolezza li messu ntwera li kellhom. Mill-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża joħroġ li l-atturi kienu tassew miżżewġin u li ż-żwieġ tagħhom kien reġistrat kif imiss mal-awtorita' kompetenti f'Malta. Ħareġ ukoll li, fiż-żmien rilevanti għall-ġbir tal-provi f'din il-kawża, huma ma kienu bdew l-ebda proċedura għall-firda personali bejniethom. Dawn il-fatti jikkuntrastaw mal-fatt li, meta l-attur daħal fil-faċilita' korrettiva biex jibda jiskonta sentenza, kien reġistrat bħala għażeb. Meta l-Qorti tqis li l-imħarrkin jiġġustifikaw id-deċiżjoni li ħadu dwar l-attriċi fuq investigazzjonijiet u informazzjoni[42], wieħed isib li dan in-nuqqas ta' għarfien tal-istatus uffiċjali tal-attur min-naħa tal-istess awtoritajiet jixħet dell fuq il-kwalita' ta' tagħrif li kellhom u l-għamla ta' aċċertamenti li wettqu biex ikollhom stampa xierqa tal-fatti. Fit-tielet lok, id-deċiżjoni li l-jedd tal-liberta' tal-moviment jittieħed mill-attriċi tfasslet fuq tagħrif li hija ma marret qatt iżżur lil żewġha l-attur kemm dam miżmum il-ħabs. Jekk dan kien tabilħaqq il-każ, l-imħarrkin ma wrewx kif din iċ-ċirkostanza tfisser li l-atturi ma kinux baqgħu jgħixu flimkien. Ma hemmx dubju li, sakemm l-attur dam iservi sentenzi fil-ħabs (u dan kien aktar minn darba bejn meta żżewweġ lill-attriċi sa meta ttieħdet id-deċiżjoni li jitteħdilha l-jedd tal-liberta' tal-moviment), wieħed ma setax jippretendi li l-atturi jgħixu flimkien. Mill-provi mressqa mill-imħarrkin, id-deċiżjoni kienet mibnija fuq ċirkostanzi li, min ħadha, qagħad biss fuq dak li sema' mingħand ħaddieħor u li dak il-ħaddieħor ma kienx fis-setgħa tiegħu li jivverifika jekk l-atturi kenux tassew jgħixu flimkien. Fir-raba' lok, ix-xhud ewlieni mressaq mill-imħarrkin u li kien il-persuna li ħadet id-deċiżjoni għt-tneħħija tal-jedd tal-attriċi, ma fisser bl-ebda mod x'kien l-istħarriġ li għamel li bih wasal biex jieħu d-deċiżjoni li ħa: illimita ruħu biex jikkummenta dwar il-minuti tal-'*file*' dipartimentali bla ma ta aktar tagħrif[43]. Fil-ħames lok, meta l-imħarrkin semmew l-ispezzjoni għall-għarrieda li saret fid-dar tal-attriċi dakinhar li ma sabux lill-attur id-dar, ma ressqu l-ebda prova ta' x'sabu u ma sabux, jew saħansitra meta saret din iż-żjara. Fis-sitt lok, il-Qorti terġa' ssemmi ż-żmien twil li għadda bejn meta ttieħdet id-deċiżjoni biex jitneħħa l-jedd tal-liberta' tal-

[42] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġ. 154 tal-proċess
[43] Ara affidavit tas-Suprintendent Neville Xuereb f'paġ. 123 tal-proċess

moviment mingħand l-attriċi sa dakinhar li qalulha bl-imsemmija deċiżjoni. Din iċ-ċirkostanza jidher li mhux biss tikser kull stennija ta' mġiba raġonevoli, iżda wkoll il-ħarsien tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali li persuna tingħata għarfien ta' xi deċiżjoni li tkun ittieħdet fir-rigward tagħha u li tingħata r-raġuni jew raġunijiet għaliex tkun ittieħdet deċiżjoni bħal dik[44]. Fis-seba' lok, jekk kien hemm xi ċirkostanzi jew fatti oħrajn li setgħu wasslu lil min kien kompetenti biex jieħu d-deċiżjoni li ħa, ma tressqu l-ebda provi dwarhom u l-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq dikjarazzjonijiet mhux sostanzjati ta' stħarriġ u aċċertamenti bla ma tintwera fiex kienu jikkonsistu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib ċ-ċirkostanzi li jissemmew aktar qabel f'din is-sentenza juru li d-deċiżjoni attakkata mill-atturi kienet ittieħdet ħażin u ma tiswiex u għalhekk it-talba attriċi jistħoqqilha tintlaqa';

Illi għal kull fini tajjeb, il-Qorti sejra tqis **l-eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, li jgħid li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex mill-għamla ta' azzjoni mibdija mill-atturi u miċ-ċirkostanzi tal-każ, ma kien imdaħħal bl-ebda mod mal-proċess li seta' sar sa ma ttieħdet id-deċiżjoni biex lill-attriċi jitneħħielha l-jedd tal-liberta' tal-moviment f'Malta u titlef l-'*exempt person status* tagħha. Biex isaħħaħ l-argument tiegħu, huwa joqgħod fuq dak li jrid l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta u jgħidu li l-kuntradittur leġittimu huwa biss l-imħarrek l-ieħor, l-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni (f'dan il-każ, il-Kummissarju tal-Pulizija);

Illi l-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija tajba. L-għemil amministrativ li l-atturi jilmentaw minnu kien wieħed li sar mill-Uffiċjal Ewlieni msemmi. Ma ntwera bl-ebda mod li l-imħarrek l-ieħor kien b'xi mod imdaħħal fil-ġrajja kollha jew f'xi parti minnhom. L-atturi ma jressqu l-ebda sottomissjoni kontra din l-eċċezzjoni;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari billi hija mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** preliminari tal-imħarrkin u ssib li l-imħarrek Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* mhuwiex il-

---

[44] Ara T.R.A. GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministeru ta' l-Intern u Affarijiet Parlamentari et*** u T.R.A. GV **24.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***

kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi;

**Tilqa' t-talba attriċi** billi ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex jitneħħa l-jedd tal-liberta' tal-moviment tal-attriċi f'Malta wara ż-żwieġ tagħha mal-attur kienet ħażina u ma tiswiex, għaliex saret bi ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali dwar l-għoti ta' raġuni u għaliex kienet nieqsa minn eżerċizzju raġonevoli tad-diskrezzjoni u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;u

**Tordna** li l-imħarrek Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni jħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk tal-imħarrek Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates* li jħallsuhom l-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' Lulju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**5 ta' Lulju, 2016**